**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Gimgha 18 ta` Ottubru 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1296/2019 JZM fl-ismijiet :**

**Enas Mhana (detentrici tal-Karta ta` l-Identita` Taljana Numru AY 9893233)**

***kontra***

**L-Onor. Prim Ministru ;**

**L-Onor Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali ;**

**L-Avukat Generali ;**

**Il-Kummissarju ghar-Refugjati ;**

***u***

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**<u>il-Mandat</u>**") kontra l-intimati kollha fil-<u>25 ta` Settembru 2019.</u>

Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fil-<u>25 ta` Settembru 2019</u>, inghata digriet fejn, filwaqt li t-talba tar-rikorrenti kienet milqugha provvizorjament, l-intimati inghataw erbat ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta l-1 ta` Ottubru 2019 fis-1.00 p.m.

L-intimati kollha kienu notifikati fil-<u>25 ta` Settembru 2019</u> u pprezentaw risposta fit-<u>30 ta` Settembru 2019.</u>

Mar-risposta kien prezentat dokument.

Fl-udjenza tal-1 ta` Ottubru 2019 instemghet ix-xiehda ta` Malcolm Cutajar. Saru sottomissjonijiet u r-rikors thalla ghal provvediment "in camera".

## II. <u>It-talba</u>

Ir-rikorrenti talbet sabiex l-intimati jinzammu milli –

***Jittrasferixxu lilha u liz-zewg uliedha minn Malta lejn l-Italja minghajr ma qabel jinhargu l-garanziji individwali ("individual guarantees") mill-Ministeru tal-Intern tal-Italja u dan kif mitlub mil-ligi.***

## IV. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

**<u>Skont is-subinciz (1)</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**<u>Skont is-subinciz (2)</u>** –

*Il-Qorti* ***<u>m'ghandhiex</u>*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

L-elementi li rikorrent irid jissodisfa huma fl-ewwel lok, li jrid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, li jrid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***<u>huwa rekwizit oggettiv</u>*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad **<u>is-subinciz (3)</u>** li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

**<u>Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum</u>**, l-intimati (bl-eskluzjoni tal-Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali) jikkwalifikaw bhala persuni li ghalihom jirreferi s-subinciz (3).

Fil-kaz tal-lum, b'**<u>zieda</u>** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq ; u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u **<u>mhux</u>** alternattivi. Dan ifisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid konsistentement qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja, ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi procediment bhal dan tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.**

**Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix.**

**Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t'ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi**

**hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali <u>eccezzjonali</u>.**

**V. <u>Risultanzi</u>**

**<u>Il-fatti</u> li wasslu sabiex ir-rikorrenti titlob il-hrug tal-Mandat jirrizultaw mill-korp tar-rikors promotur, u huma kkonfermati bil-gurament mir-rikorrenti. A skans ta` ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghalihom.**

**Fir-risposta l-intimati jaghtu r-ragunijiet taghhom ghala l-Mandat m`ghandux johrog. Anke l-intimati jirreferu ghall-fatti. Anke fil-kaz tal-intimati, tirreferi ghall-fatti kif esposti fir-risposta, a skans ta` ripetizzjoni.**

**Meta taghrbel il-fatti kif deskritti miz-zewg nahat, il-Qorti ma tirriskontrax divergenzi ta` sostanza.**

**Ghal din il-Qorti, il-kwistjoni kollha li ghandha quddiemha hija wahda ta` dritt.**

Kif jidher mill-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Ottubru 2019, kien sodisfatt il-vot tal-**<u>Art 873(3) tal-Kap 12</u>**, fis-sens illi kieku ma kienx ghall-fatt illi din il-Qorti bid-digriet taghha tal-25 ta` Settembru 2019 2018 laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rikorrenti u wliedha kienu sejrin jintbaghtu l-Italja.

**Mit-tliet rekwiziti l-ohra, il-Qorti sejra tistharreg *in primis* jekk jirrizultax il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti li titlob il-hrug tal-Mandat.**

**Sejra tissofferma fuq dan ir-rekwizit ghaliex jekk issib li ma jirrizultax ikun kollu inutili li tqis ir-rekwiziti l-ohra ladarba r-**

**rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jkompli jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata li ma tordnax il-hrug tal-Mandat.**

**Fil-kaz tal-lum, l-istat tad-dritt idur kollu kemm hu fuq l-applikazzjoni ta` <u>Regolament Nru. 604/2013 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-UE tas-26 ta` Gunju 2013 maghruf ahjar bhala r-"Regolament ta` Dublin".</u>**

**Il-Qorti qieset b`reqqa d-diversi disposizzjonijiet tar-Regolament in partikolari kif dan jittratta l-hekk maghrufa bhala *take charge request.***

**Il-Qorti rat ukoll l-Att dwar ir-Refugjati (Kap 420).**

**L-gharbiel li ghamlet din il-Qorti <u>ma wassalhiex</u> sabiex issib dak pretiz mir-rikorrenti u cioe` illi meta jkun hemm *take charge request* li saret minn Malta, kif kien il-kaz tal-lum, u li l-Italja (il-pajjiz fejn kienet ir-rikorrenti qabel giet Malta) accettat abbazi tar-Regolament, l-Italja hija obbligata taghti *individual guarantees* qabel l-awtoritajiet Maltin jibghatu l-persuna l-Italja.**

**Ir-rikorrenti tirreferi ghal zewg decizjonijiet li huma citati fir-rikors illi pero` fil-fehma tal-Qorti, certament ghall-fini ta` procediment ta` din ix-xorta, ma jbiddlux l-obbligi tal-Istati kif stabbiliti fir-Regolament.**

**Anke jekk jittiehed bhala fatt inkontestat li r-rikorrenti fl-Italja kienet tghix fil-faqar, dak ma jhassarx is-sostenibilita` tat-*take charge request* u r-relattiva accettazzjoni kif stipulate fir-Regolament.**

**Kull procedura legali li r-rikorrenti kellha jedd tistitwixxi meta kienet Malta kien konkluz u ma hemm l-ebda raguni ghala ghandha tibqa` Malta bl-applikazzjoni tar-Regolament.**

**Jekk ghandha istanzi ohra xi tressaq dwar l-istatus taghha u ta` uliedha dan trid taghmlu l-Italja fejn hemm *in place* strutturi anke legali li jassikuraw li kull jedd li ghandha r-rikorrenti jkun imhares u li jekk ma jkunx, hemm harsien adegwat li johrog mit-trattati internazzjonali.**

**Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tikkonferma li oggettivament ma hemmx ir-rekwizit ta` l-jedd *prima facie.***

**Ladarba rrizulta karenti dan ir-rekwizit, il-Qorti mhijiex sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tal-25 ta` Settembru 2019 safejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna li l-ispejjez tal-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**